



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11378/23
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0195(NLE)

JUSTCIV 96
CONSOM 261
MARE 15
COMER 89
RELEX 837

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Ġunju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 343 final - Annex 1
Suġġett:	ANNESS tal-proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 343 final - Annex 1.

Mehmuż: COM(2023) 343 final - Annex 1



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2023
COM(2023) 343 final

ANNEX 1

ANNESS

tal-proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Effetti Internazzjonali tal-Bejgħ Ġudizzjarju ta' Bastimenti, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fi New York fis-7 ta' Diċembru 2022

ANNESS I

Dikjarazzjoni skont l-Artikolu 18(2) dwar il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea fuq materji rregolati mill-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-Bejgħ Ġudizzjarju tal-Vapuri, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fis-7 ta' Diċembru 2022 fi New York, li fir-rigward tagħha l-Istati Membri ttrasferew il-kompetenza tagħhom lill-Unjoni Ewropea

1. L-Artikolu 18(1) tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri jipprevedi li Organizzazzjoni Reġjonali għall-Integrazzjoni Ekonomika, li hija kostitwita minn Stati sovrani u li għandha kompetenza fuq ċerti materji rregolati minn din il-Konvenzjoni, tista' tiffirmaha bil-kondizzjoni li tagħmel id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 18(2). L-Unjoni Ewropea ddeċidiet li tiffirma l-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri u b'dan qed tagħmel dik id-dikjarazzjoni.
2. Il-Membri attwali tal-Unjoni Ewropea huma r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, [l-Irlanda], ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika tal-Kroazja, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, l-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Renju tan-Netherlands, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Portugiża, ir-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakkja, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja
3. Madankollu, f'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju tad-Danimarka mhux marbut bid-deċiżjoni tal-Unjoni li tiffirma l-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri.
4. Din id-dikjarazzjoni ma hijiex applikabbli fil-każ tat-territorji tal-Istati Membri li fihom it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma japplikax u hija mingħajr preġudizzju għal tali atti jew pożizzjonijiet li jistgħu jiġu adottati skont il-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri mill-Istati Membri kkonċernati f'isem u fl-interessi ta' daww it-territorji.
5. Fir-rigward ta' materji rregolati mill-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri, l-Unjoni Ewropea għandha kompetenza esklużiva fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni. B'mod partikolari, hija adottat regoli dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi¹ (b'mod partikolari l-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri "*Ġurisdizzjoni biex jiġi evitat u sospiż il-bejgħ ġudizzjarju*") u dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili u kummerċjali (b'mod partikolari l-Artikolu 4 tal-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri "*Avviż ta' bejgħ ġudizzjarju*")².

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1–32.

² Ir-Regolament (UE) 2020/1784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar in-notifika fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili jew kummerċjali, ĠU L 405, 2.12.2020, p. 40–78.

6. Il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, hi minnha nnifisha, soġġetta għal żvilupp kontinwu. Fil-qafas tat-Trattati, l-istituzzjonijiet kompetenti jistgħu jieħdu deċiżjonijiet li jiddeterminaw il-firxa tal-kompetenza tal-Unjoni Ewropea. Din tal-aħħar għaldaqstant tiriserva d-dritt li temenda id-dikjarazzjoni attwali kif ikun meħtieġ, mingħajr ma dan ikun jikkostitwixxi prerekwiżit għall-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha fejn jidħlu materji rregolati mill-Konvenzjoni ta' Beijing dwar il-bejgħ ġudizzjarju tal-vapuri.